Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2025/2166(INI)

10.9.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2025
(2025/2166(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Francisco Assis

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 12

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2025
(2025/2166(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 8, 21, 23 u 36 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 17 u 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u trattati u strumenti rilevanti oħra tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-bniedem,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2025 dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2025,

– wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024, adottat mill-Kunsill fis-17 ta' Novembru 2020 u r-rieżami ta' nofs it-terminu tiegħu adottat fid-9 ta' Ġunju 2023,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2024 dwar l-allinjament tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024 mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027,

– wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Għoti tas-Setgħa lin-Nisa fl-Azzjoni Esterna tal-UE 2021-2025 (GAP III),

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Ġunju 2004,

– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-UE 2024 dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja,

– wara li kkunsidra l-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' April 2025 dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2024[1], u r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar rapporti annwali preċedenti,

[1] ĠU C, C/2025/4390, 9.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/4390/oj.

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt (magħrufa bħala riżoluzzjonijiet ta' urġenza), adottati f'konformità mal-Artikolu 150 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, b'mod partikolari dawk adottati fl-2025,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A10-0000/2025),

A. billi l-UE hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-TUE; billi l-azzjoni tal-UE madwar id-dinja trid tkun iggwidata mill-universalità u mill-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem, kif stabbilit fl-Artikolu 21 tat-TUE;

B. billi l-konsistenza u l-koerenza fost il-politiki interni u esterni tal-UE huma essenzjali għall-kisba ta' politika effettiva tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem;

C. billi s-sistemi demokratiċi huma l-aktar xierqa biex jiggarantixxu li kull persuna jkollha l-kapaċità li tgawdi d-drittijiet tal-bniedem tagħha; billi llum, 29 % biss tal-popolazzjoni tad-dinja tgħix f'demokraziji liberali, u dan huwa tnaqqis qawwi meta mqabbel ma' 52 % fl-2009; billi ż-żieda fl-awtoritarjaniżmu, fl-illiberaliżmu u fil-populiżmu thedded l-ordni globali bbażat fuq ir-regoli, il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja, kif ukoll il-valuri u l-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-UE;

D. billi l-leġittimità tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, li l-UE tappoġġja bil-qawwa, tiddependi fuq il-konformità mal-ordnijiet tal-korpi internazzjonali, bħar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u l-ordnijiet u d-deċiżjonijiet maħruġa mill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (QIĠ) u mill-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI); billi hemm dejjem aktar theddid globali bħal qatt qabel għall-konformità ma' tali ordnijiet u deċiżjonijiet, kif ukoll, b'mod ġenerali, għall-konformità mad-dritt internazzjonali, mad-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem u mad-dritt umanitarju internazzjonali f'sitwazzjonijiet ta' konflitt emerġenti u eżistenti;

E. billi l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024 ġie estiż sal-2027 u għandha tibda l-ħidma fuq l-abbozzar ta' pjan imtejjeb għall-2028-2034, flimkien mal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) l-ġdid, biex jiġu indirizzati l-isfidi l-ġodda li qed tiffaċċja d-dinja;

F. billi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDB) u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) huma sħab kruċjali fl-isforzi tal-UE biex tissalvagwardja u tavvanza d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt; billi l-gvernijiet madwar id-dinja qegħdin dejjem aktar jiċċensuraw, isikktu u jagħtu fastidju lid-DDB u lill-OSĊ fil-ħidma tagħhom;

Dejjem aktar theddid għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija

1. Jafferma mill-ġdid il-pożizzjonijiet tiegħu espressi fir-rapport annwali tiegħu 2024 adottat fit-2 ta' April 2025 dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali individwali, abbażi tal-valuri u l-prinċipji tal-UE li jiggwidaw l-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali skont l-Artikolu 21 tat-TUE; itenni, b'mod partikolari, il-konklużjonijiet tiegħu dwar id-drittijiet tan-nisa, tat-tfal, tal-migranti u tar-rifuġjati, tal-minoranzi reliġjużi u etniċi, u ta' dawk kollha li għadhom qed jiġu affettwati minn abbużi tad-drittijiet tal-bniedem b'modi partikolarment insidjużi minħabba r-razza, l-etniċità, ir-reliġjon, il-kasta, il-ġeneru, is-sesswalità, id-diżabbiltà jew l-istatus soċjoekonomiku tagħhom;

Rigress demokratiku

2. Jinnota bi tħassib serju d-deterjorament tal-ambjent globali tad-drittijiet tal-bniedem u x-xejra ta' rigress demokratiku li qed taċċellera b'mod ċar madwar id-dinja;

3. Jisħaq li l-attakki ċibernetiċi, id-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni, spiss użati bħala għodod ta' interferenza barranija, inkluż matul l-elezzjonijiet, jikkontribwixxu għal din ix-xejra ta' tnaqqis demokratiku; jisħaq fuq is-sinifikat kritiku ta' sorsi affidabbli, indipendenti u diversi ta' informazzjoni u ta' ġurnaliżmu ta' kwalità għal soċjetajiet demokratiċi sodi u spazju ċiviku b'saħħtu; jinsab għalhekk imħasseb ħafna dwar l-isfidi li huma dejjem aktar u multidimensjonali ffaċċjati mill-media indipendenti, inklużi l-attakki dejjem aktar kontra l-ġurnalisti u t-tnaqqis fil-finanzjament disponibbli;

4. Itenni r-rwol essenzjali tas-soċjetà ċivili biex tiffjorixxi d-demokrazija, u jiddeplora l-azzjonijiet meħuda mill-gvernijiet madwar id-dinja biex iċekknu l-ispazju ċiviku, bħall-introduzzjoni tagħhom ta' leġiżlazzjoni mfassla apposta mmirata biex tirrestrinġi l-finanzjament għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi u biex trażżan il-libertà tal-għaqda;

5. Jenfasizza l-ħidma kruċjali tad-DDB biex javvanzaw id-drittijiet tal-bniedem; jiddeplora, madankollu, l-attakki dejjem aktar kontra d-DDB u ż-żieda fis-sofistikazzjoni tal-metodi użati biex jippersegwitawhom f'pajjiżhom stess u barra minnu, inkluż permezz ta' diversi forom ta' repressjoni tranżnazzjonali;

6. Iqis li filwaqt li l-użu ta' teknoloġiji ġodda u emerġenti, bħall-intelliġenza artifiċjali (IA), għandu l-potenzjal li jtejjeb b'mod konsiderevoli l-benesseri tal-bniedem, l-applikazzjoni mingħajr restrizzjonijiet jew mingħajr distinzjoni tagħhom toħloq ukoll theddid serju għad-demokrazija u għad-drittijiet tal-bniedem; jinnota bi tħassib partikolari l-użu tat-teknoloġija tal-għarfien tal-wiċċ, is-sorveljanza diġitali tal-massa u s-soppressjoni tal-informazzjoni bħala strumenti koerċittivi b'saħħithom;

Il-multilateraliżmu

7. Jinsab imħasseb ħafna dwar il-fatt li l-ħidma tal-istituzzjonijiet multilaterali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-ordni multilaterali bbażat fuq ir-regoli tinsab mhedda bħal qatt qabel; jiddispjaċih ħafna dwar id-deċiżjoni meħuda minn xi pajjiżi li jirtiraw mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u t-tħabbiriet tagħhom li ma kinux se jipparteċipaw fl-Eżami Perjodiku Universali;

8. Jinnota li din id-devjazzjoni minn approċċ multilaterali għall-ordni globali ma toħloqx

biss theddida għar-riżoluzzjoni effettiva tal-kriżijiet attwali, iżda wkoll tagħmel it-tifqigħa ta' kriżijiet ġodda aktar probabbli; jissottolinja li s-sistema multilaterali, bin-NU fil-qalba tagħha, tibqa' l-aktar mod effettiv biex jiġu indirizzati l-isfidi globali b'mod ġust, sostenibbli u bbażat fuq il-prinċipji;

9. Jenfasizza li d-diżrispett dejjem aktar għad-dritt internazzjonali u l-politiċizzazzjoni tad-dibattiti li jikkonċernaw l-istituzzjonijiet tal-ġustizzja internazzjonali, bħall-QIĠ u l-QKI, joħolqu theddida eżistenzjali għall-ordni globali bbażat fuq ir-regoli; jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar id-diżrispett għad-dritt umanitarju internazzjonali u għad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-polarizzazzjoni madwarhom; jiddeplora t-theddid bħal qatt qabel li qed tiffaċċja l-QKI, b'mod partikolari minħabba l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet fuq l-imħallfin u l-persunal tagħha; ifakkar li d-dritt internazzjonali u l-awtoritajiet ġuridiċi indipendenti kompetenti huma essenzjali biex tiġi rispettata l-ġustizzja internazzjonali, tiġi żgurata r-responsabbiltà u l-ġlieda kontra l-impunità, li huma prekundizzjonijiet meħtieġa ta' kwalunkwe proċess ta' rikonċiljazzjoni u paċi sostnutI;

Valutazzjoni tas-sett ta' għodod tal-UE għall-promozzjoni u għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija madwar id-dinja

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2027

10. Jirrikonoxxi li l-perjodu ta' żmien tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija issa huwa allinjat maċ-ċiklu baġitarju tal-UE, u dan għandu jgħin biex jiġi żgurat finanzjament għall-prijoritajiet tal-pjan ta' azzjoni; ifakkar, madankollu, li r-rieżami ta' nofs it-terminu ma bbażax fuq parametri referenzjarji ċari għall-valutazzjoni u għalhekk ma pprovdiex gwida ċara biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet; jemmen li rieżami sħiħ tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija m'għandux jiddewwem aktar u li wasal iż-żmien li jibdew jiġu stabbiliti l-parametri għal pjan imtejjeb mill-aktar fis possibbli;

11. Jemmen li l-Parlament għandu jiġi kkonsultat fit-tħejjija tal-pjan ta' azzjoni l-ġdid;

Il-finanzjament tal-azzjoni esterna għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija – l-istrument propost Ewropa Globali taħt il-QFP 2028-2034

12. Jilqa' l-objettivi relatati mad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-pilastri kollha tal-istrument propost Ewropa Globali u ż-żieda proposta fil-finanzjament tal-UE għall-azzjoni esterna, speċjalment meta jitqies it-tnaqqis drammatiku minn kontributuri globali ewlenin oħra; jiddispjaċih ħafna, madankollu, li tħassar il-programm tematiku dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija bħala strument ewlieni tal-UE biex jippromwovi u jipproteġi d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija madwar id-dinja, u n-nuqqas ta' baġit u allokazzjoni ddedikati;

13. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' kundizzjonalità tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE, liema kundizzjonalità tkun għodda effettiva li tagħti effett tanġibbli lill-impenn tal-UE għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja;

Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE (RSUE) għad-Drittijiet tal-Bniedem

14. Ikompli jqis lir-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem bħala vuċi essenzjali tal-politika esterna tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jikkontribwixxi għall-viżibbiltà u għall-koerenza tagħha f'kooperazzjoni mill-qrib mal-korpi kollha tal-UE;

Ftehimiet kummerċjali u internazzjonali tal-UE ma' pajjiżi mhux tal-UE

15. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-ftehimiet internazzjonali, inklużi l-ftehimiet ta' assoċjazzjoni u ta' kummerċ, u ta' strumenti bħall-iskema ġeneralizzata ta' preferenzi (SĠP) u l-SĠP+ għat-tqegħid tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istandards demokratiċi fil-qalba tar-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi mhux tal-UE, għat-tħeġġiġ u għall-monitoraġġ tal-konformità ma' tali standards u għall-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità tad-drittijiet tal-bniedem fil-politika esterna tal-UE;

Id-djalogi tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem

16. Jinnota li 35 djalogu u konsultazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem ġew organizzati fl-2024; iqis li dawn id-djalogi qed ikomplu jkunu strument importanti biex jiġu avvanzati d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, iżda jiddispjaċih li ħafna drabi, fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi u reġjuni mhux tal-UE dawn ikunu eventi iżolati aktar milli element ewlieni ta' impenn sostnut dwar id-drittijiet tal-bniedem; iqis li hemm lok fejn jissaħħaħ ir-rwol tal-Parlament fil-proċess ta' djalogu; jieħu nota tal-fatt li diversi djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem għadhom mhux qed jinżammu fil-kwartieri ġenerali tal-UE;

Strumenti u għodod tas-sanzjonijiet tal-UE, inkluż ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem (GHRSR – l-Att Magnitsky)

17. Itenni l-appoġġ tiegħu biex jiżdied l-użu tal-GHRSR, flimkien ma' oqfsa oħra ta' sanzjonijiet *ad hoc*, bħala għodda politika ewlenija tal-politika tal-UE li tippromwovi l-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, u li tikkomplementa strumenti ġudizzjarji oħra; ifakkar, madankollu, fil-limitazzjonijiet u fid-dewmien tas-sistema attwali tat-teħid ta' deċiżjonijiet biex jiġu attivati dawn l-istrumenti u l-lakuni fil-mekkaniżmi ta' infurzar li jippermettu ċ-ċirkomvenzjoni;

L-appoġġ tal-UE għad-DDB

18. Jilqa' l-fatt li, fl-2024, il-Mekkaniżmu għad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, iffinanzjat taħt il-programm tematiku tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, appoġġja 10 050 DDB meqjusa bħala ta' riskju għoli, li 51 % minnhom kienu nisa, u li pprovda appoġġ lil aktar minn 700 ġurnalist f'riskju f'60 pajjiż matul l-istess perjodu;

19. Jilqa' l-aġġornament tal-2024 tal-Manwal tal-Kodiċi tal-Viża tal-UE, bl-għan li jiġi ċċarat it-trattament flessibbli tal-każijiet ta' DDB biex jitħaffu l-applikazzjonijiet għal viża għal soġġorn qasir għal dawk f'riskju; jiddispjaċih, madankollu, li l-proċeduri li jippermettu lid-DDB jaċċessaw il-protezzjoni internazzjonali jew umanitarja, bħall-viżi, spiss wisq huma kkumplikati u mhumiex adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, b'mod partikolari biex ikomplu l-ħidma tagħhom fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem

barra mill-pajjiż, u jiddispjaċih li seħħ dewmien serju u dannuż fil-ħruġ tal-viżi;

Azzjonijiet tal-UE fil-livell multilaterali biex jinżamm l-ordni globali bbażat fuq ir-regoli

20. Jilqa' l-isforzi tal-UE biex tisponsorja jew tappoġġja riżoluzzjonijiet fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u fl-Assemblea Ġenerali tan-NU; jinsab imħasseb li d-deċiżjonijiet reċenti minn pajjiżi mhux tal-UE biex jonqos il-finanzjament għall-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem diġà għandhom implikazzjonijiet tanġibbli għall-kapaċità tiegħu li jwettaq il-missjoni tiegħu;

21. Jilqa' l-fatt li l-Kunsill tal-Ewropa kien fuq quddiem nett biex jindirizza t-tħassib u javvanza l-istabbiliment ta' normi u standards globali f'diversi oqsma relatati mad-drittijiet tal-bniedem, bħal-libertà akkademika, il-protezzjoni tal-avukati u l-ġurnalisti, l-IA u d-drittijiet tal-bniedem;

22. Jilqa' l-appoġġ finanzjarju kontinwu tal-UE lill-QKI fi żmien partikolarment diffiċili għall-ġustizzja internazzjonali; jiddispjaċih għan-nuqqas persistenti li jiġi attivat l-istatut ta' mblukkar tal-UE biex il-QKI tiġi protetta mill-effetti extraterritorjali tas-sanzjonijiet;

L-approċċ ta' Tim Ewropa u l-appoġġ għad-demokrazija

23. Jirrikonoxxi l-valur tal-allinjament tal-approċċi għall-protezzjoni u għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-istituzzjonijiet, il-korpi u r-rappreżentanzi tal-Istati Membri kollha tal-UE involuti f'azzjoni esterna, l-ewwel u qabel kollox fl-ambaxxati tal-Istati Membri u fid-delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi mhux tal-UE, iżda wkoll li jsir użu mill-potenzjal sħiħ tal-Parlament; jisħaq li approċċi flessibbli u kkoordinati għandhom jibqgħu inklużivi biex jippermettu li s-sistema istituzzjonali ta' ekwilibriju ta' setgħat tal-UE topera bis-sħiħ; jenfasizza li l-Parlament għandu rwol b'saħħtu biex iżomm il-valuri tal-UE u d-drittijiet tal-bniedem, pereżempju permezz tad-diplomazija parlamentari, tad-djalogi u r-riżoluzzjonijiet interparlamentari; jieħu nota tal-ħidma li għaddejja fuq l-inizjattiva dwar id-Demokrazija ta' Tim Ewropa f'diversi pajjiżi; iqis li kollaborazzjoni msaħħa bejn il-Grupp għas-Sostenn għad-Demokrazija u Koordinazzjoni tal-Elezzjonijiet tal-Parlament, id-Direttorati Ġenerali rilevanti tal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) tikkontribwixxi bil-kbir għall-attivitajiet ta' appoġġ għad-demokrazija f'pajjiżi mhux tal-UE;

Rakkomandazzjonijiet

24. Jappella biex l-UE tuża l-għodod għad-dispożizzjoni tagħha biex tiġġieled l-isfidi dejjem aktar għall-multilateraliżmu bil-għan li tiżgura li l-ħidma tal-istituzzjonijiet internazzjonali tkompli tiġi rispettata; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkomplu jappoġġjaw il-ħidma tan-NU, kemm politikament kif ukoll finanzjarjament; itenni l-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha jitkellmu b'vuċi waħda fil-fora multilaterali; jappella biex id-delegazzjonijiet tal-UE jkollhom rwol aktar b'saħħtu fil-fora multilaterali, li għalihom għandu jkollhom riżorsi xierqa;

25. Iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha tal-UE, anke bħala Stati Partijiet għall-Karta tan-NU, l-Istatut ta' Ruma u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, biex

jirrispettaw bis-sħiħ id-deċiżjonijiet tal-qrati internazzjonali kompetenti; jappella lill-UE tħeġġeġ lill-pajjiżi mhux tal-UE, inklużi s-sħab ewlenin tagħha u l-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali, biex jissieħbu mal-Istatut ta' Ruma; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tattiva b'mod urġenti l-istatut ta' mblukkar bil-għan li tipproteġi lill-QKI mill-konsegwenzi tas-sanzjonijiet u tippermetti l-operat kontinwu tagħha b'indipendenza sħiħa; jistieden lill-Istati Membri japplikaw ġuriżdizzjoni universali fil-ġlieda kontra l-impunità;

26. Jappella għall-ħolqien sistematiku ta' kurituri umanitarji f'reġjuni fi gwerra u f'sitwazzjonijiet ta' ġlied, kull meta jkun meħtieġ, sabiex iċ-ċivili f'riskju jkunu jistgħu jaħarbu mill-konflitti, u jikkundanna bil-qawwa kwalunkwe attakk fuqhom;

27. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jistabbilixxu indikaturi u skedi ta' żmien ċari fil-pjan ta' azzjoni tal-UE għal wara l-2027 dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija biex jitkejjel is-suċċess, tissaħħaħ il-koerenza bejn l-azzjonijiet interni u esterni tal-UE u jiġu speċifikati konnessjonijiet aħjar bejn il-prijoritajiet kif iddikjarat fil-pjan ta' azzjoni u parametri referenzjarji aktar stretti;

28. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jinvolvu lis-soċjetà ċivili b'mod aktarsħiħ u jqisu aħjar ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet meta jiżviluppaw u jimplimentaw il-politika esterna tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem, inklużi konsultazzjonijiet ma' vuċijiet lokali li jkunu kemm jista' jkun qrib il-livell ta' implimentazzjoni;

29. Jappella għal baġit allokat ċar għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-QFP futur; jisħaq li l-baġit tal-UE jeħtieġ li jiġi protett ukoll għall-użu estern u li l-baġit jikkostitwixxi ingranaġġ importanti biex tinkiseb konformità akbar mad-drittijiet tal-bniedem u mal-istandards demokratiċi mill-pajjiżi sħab; jappella, għalhekk, li tiġi introdotta regola ta' kundizzjonalità fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija fl-istrument il-ġdid Ewropa Globali għall-finanzjament ta' pajjiżi sħab mhux tal-UE;

30. Jistieden lis-sħab istituzzjonali tal-UE tiegħu jesploraw toroq ġodda biex itejbu t-teħid ta' deċiżjonijiet, inkluża l-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata, u, meta jintużaw approċċi aktar flessibbli, bħall-approċċ ta' Tim Ewropa, jiżguraw li d-drittijiet tal-bniedem ikunu garantiti biżżejjed;

31. Jappella biex jiġu msaħħa d-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem permezz ta' parametri referenzjarji u riżultati ċari sabiex il-progress ikun jista' jiġi mfassal u vvalutat b'mod ċar matul kull ċiklu rispettiv ta' djalogi;

32. Jappella biex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni mal-Parlament Ewropew fil-proċess ta' deliberazzjoni li jwassal għad-djalogi; jisħaq, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa għall-UE li tkompli tapplika pressjoni biex id-djalogi jinżammu fil-kwartieri ġenerali tal-UE; iqis li s-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem għandu jkollhom rwol distint fil-monitoraġġ tal-progress tal-implimentazzjoni ta' dawn il-miri;

33. Jappella lill-UE ssegwi l-istabbiliment ta' strumenti Ewropej u internazzjonali biex tiggarantixxi aċċess għall-ġustizzja u rimedju effettiv għall-persuni affettwati minn abbużi tad-drittijiet tal-bniedem mill-korporazzjonijiet; jappella għall-implimentazzjoni effettiva u bir-reqqa tar-regoli attwali tal-UE dwar imġiba korporattiva responsabbli fir-

rigward tad-drittijiet tal-bniedem, tax-xogħol u tal-ambjent, bħad-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva[2] jew ir-Regolament (UE) 2024/3015 li jipprojbixxi prodotti magħmulin b'xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni[3];

34. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kunsill biex jadotta mandat ambizzjuż mill-aktar fis possibbli biex l-UE tinvolvi ruħha fin-negozjati li għaddejjin dwar strument legalment vinkolanti tan-NU li jżomm lill-kumpaniji responsabbli għall-ksur tagħhom tad-drittijiet tal-bniedem;

35. Jappella lill-UE tivvaluta l-effettività tas-sett ta' għodod biex jiġu indirizzati l-kampanji ta' diżinformazzjoni kontra l-UE, b'mod partikolari f'pajjiżi li jirċievu mill-UE assistenza sinifikanti umanitarja u għall-iżvilupp u f'pajjiżi kandidati għas-sħubija fl-UE;

36. Jappella għall-implimentazzjoni sistematika tal-valutazzjonijiet *ex ante* u *ex post* tad-drittijiet tal-bniedem u għall-inklużjoni ta' klawżoli robusti dwar id-drittijiet tal-bniedem fi ftehimiet bejn l-UE u pajjiżi mhux tal-UE, liema klawżoli jkunu appoġġjati minn sett ċar ta' parametri referenzjarji u proċeduri li għandhom jiġu segwiti f'każ ta' ksur; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jiżguraw li l-klawżoli dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet internazzjonali attwali jiġu mmonitorjati b'mod attiv u infurzati b'mod effettiv u li jtejbu l-komunikazzjoni tagħhom mal-Parlament dwar kunsiderazzjonijiet u deċiżjonijiet rigward dan l-infurzar; itenni li f'każ ta' ksur persistenti tal-klawżoli tad-drittijiet tal-bniedem mill-pajjiżi sħab tal-UE, inkluż dawk fil-programm tal-GSP+, l-UE għandha tieħu azzjoni malajr u b'mod deċiżiv, inkluż billi tissospendi l-ftehimiet ikkonċernati jekk għażliet oħra jirriżultaw ineffettivi;

37. Jappella għall-ħolqien ta' portal għat-trattament tal-ilmenti, fil-qafas tal-istrumenti kummerċjali u finanzjarji tal-UE, possibbilment permezz tal-adattament tal-Punt ta' Dħul Uniku tal-Kummissjoni biex jippermetti li l-ilmenti jiġu ppreżentati rigward in-nuqqasijiet ta' konformità mal-klawżoli tad-drittijiet tal-bniedem; jisħaq li dan il-portal għandu jkun aċċessibbli, faċli għaċ-ċittadini, trasparenti, u miftuħ għaċ-ċittadini affettwati tal-pajjiżi mhux tal-UE;

38. Itenni t-talba tiegħu biex tingħata prijorità lill-ġlieda kontra l-korruzzjoni bħala fattur li jiffaċilita l-attakki fuq id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; iħeġġeġ lill-Kunsill biex finalment jadotta reġim ta' sanzjonijiet kontra l-korruzzjoni, u dan ilu prijorità tal-Parlament għal żmien twil;

39. Jissottolinja li biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-DDB, hija meħtieġa reviżjoni komprensiva biex jiġi indirizzat il-livell dejjem akbar ta' sofistikazzjoni fil-persekuzzjoni u l-fastidju tad-DDB, inklużi t-theddid diġitali u r-repressjoni tranżnazzjonali; jappella għall-użu estiż tal-GHRSR tal-UE – l-Att Magnitsky tal-UE biex jiġu ssanzjonati individwi li jippersegwitaw jew jagħtu fastidju

[2] Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859, (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj).
[3] Ir-Regolament (UE) 2024/3015 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 dwar il-projbizzjoni ta' prodotti magħmulin b'xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 (ĠU L, 2024/3015, 12.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/3015/oj).

lid-DDB, inklużi d-difensuri tad-drittijiet tal-ambjent u tal-art;

°

° °

40. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-President tay-80 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-President tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem u lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

NOTA SPJEGATTIVA

Kull sena, il-Parlament Ewropew jadotta tliet rapporti annwali dwar il-politika barranija, il-politika ta' sigurtà u ta' difiża, u l-politika tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE.

It-tliet rapporti huma dwar:

- l-implimentazzjoni tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni - rapport annwali 2025 (abbażi tar-rapport tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Politika Barranija lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni) - kompetenza tal-Kumitat AFET,
- id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni - rapport annwali 2025 (abbażi tar-Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja) - kompetenza tas-Sottokumitat DROI, u
- l-implimentazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni - rapport annwali 2025 (abbażi tar-rapport tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Politika Barranija lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni) - kompetenza tas-Sottokumitat SEDE.

Dawn ir-rapporti jimmonitorjaw u jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, inkluża l-politika tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni. Huma komponent ewlieni tal-kontribut tal-Parlament Ewropew għat-tfassil tal-politika barranija tal-UE, l-aktar fir-rigward tad-dritt imsaħħaħ ta' skrutinju mogħti lill-Parlament Ewropew mit-Trattat ta' Liżbona. Huwa essenzjali li l-Parlament Ewropew iwieġeb għar-rapporti annwali maħruġa minn istituzzjonijiet oħra hekk kif jiġu ppubblikati.

Dan ir-rapport jiffoka fuq l-aktar xejriet importanti fl-isfidi għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, u fuq evalwazzjoni tal-għodod tal-politika esterna tal-UE li għandhom l-għan li jiżguraw li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jippromwovu u jipproteġu l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja.

Dan ir-rapport jikkontribwixxi għat-tħejjijiet li għaddejjin għal Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija għal wara l-2027 billi jevalwa s-sett ta' għodod attwali tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija u jipprovdi r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE għal aktar żvilupp.